# RIŻORSA 3

**U min jaf kieku...?**

Immaġina li l-belt tiegħek hija mhedda minn attakk terroristiku. Ġejt imwissi dwar dan minn grupp terroristiku prominenti, iżda ma ġejtx informat meta u kif se jsir l-attakk. Il-gvern jiddeċiedi li jfassal pjan ta' prevenzjoni, u jieħu azzjonijiet speċifiċi biex jiżgura s-sikurezza ta' kulħadd, li għandu jiġi implimentat immedjatament iżda indefinittivament. L-għanijiet ta' dawn il-miżuri u azzjonijiet temporanji huma, fost l-oħrajn, li:

- isaħħu s-sigurtà tal-fruntieri
- inaqqsu l-vulnerabilità tan-netwerk tat-trasport
- iqawwu s-sigurtà f'postijiet iffollati
- joħolqu, u jaġġornaw kostantament, database ta' individwi li nstabu ħatja li wettqu atti terroristiċi jew li huma membri ta' xi 'grupp ta' ġellieda terroristiċi'
- jużaw il-mezzi kollha possibbli biex jiġu investigati individwi kkunsidrati bħala suspettati
- joħolqu, u jaġġornaw kostantament, database tal-preferenzi tal-ivvjaġġar taċ-ċittadini kollha
- jimponu restrizzjonijiet fuq it-trasport u fuq l-għaqda ta' ġemgħat ta' nies fejn ikun meħtieġ
- jipprojbixxu d-dimostrazzjonijiet jekk dan jitqies xieraq u meħtieġ
- jaħdmu mill-qrib mal-midja soċjali biex jiżguraw li dawn ma jintużawx b'mod mhux xieraq minn 'gruppi ta' ġellieda terroristiċi'
- joħolqu, u jaġġornaw kostantament, database tat-twemmin reliġjuż taċ-ċittadini kollha
- jaħdmu mill-qrib mas-settur tal-midja biex jiżguraw li ma tiġi ppubblikata l-ebda aħbar li taf tagħti tagħrif lit-terroristi dwar l-attivitajiet tal-gvern
- itejbu l-iskambju ta' informazzjoni tas-sigurtà ma' pajjiżi sħab
- jillaxkaw il-limitazzjonijiet tal-użu tal-vjolenza mill-pulizija
- itejbu l-kooperazzjoni bejn l-armata u l-pulizija
- itejbu l-verifiki u l-kontrolli fuq il-persuni ċivili
- jistallaw għadd ta' CCTVs madwar il-belt
- jipprojbixxu l-movimenti tal-persuni ċivili wara t-tmienja ta' filgħaxija
- jimponu limitazzjonijiet u kontrolli fuq iċ-ċaqliq tal-kapital
- jillimitaw l-aċċess għal binjiet pubbliċi


Proġett tal-Parlament Ewropew